MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 26/2006

**Marcelle Tanti**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta’ Mejju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tal-10 ta' Awissu 2005 li permezz taghha cahad it-talba ta' Marcelle Tanti ghall-Ghajnuna Socjali peress li kienet taqbez il-massimu ta' kapital konsentit ta' Lm6,000. Ra ukoll id-decizjoni tal-istess Direttur li jitlobha rifuzjoni ta' ammont li kien lilha thallas, liema decizjoni skond il-verbal tat-3 ta' Mejju 2006,

kienet giet verbalment komunikata lill-appellanti fis-16 ta' Settembru 2005.

Ra l-appell prezentat b' ittra tal-21 ta' Ottubru 2005 tan-Nutar Pierre Falzon li skond l-istess verbal saret kontra z-zewg decizjonijiet.

Illi jidher li wara li separat minn ma' zewgha, Marcelle Tanti irceviet is-somma ta' Lm35,000 u ftit wara akkwistat flat f' Bugibba; skond il-kuntratt u anki skond ir-registrazzjoni jidher li l-flat minnha mixtri: "liema appartament qed jigi konsenjat fi stat finished" u qed: "takkwista u tixtri l-flat internament markat bin-numru ghaxra". Veru li n-Nutar iddikjara li l-ewwel kopja minnu ffirmata kienet zbaljata ghax ma kenitx tinkludi l-ahhar nota miktuba fl-ahhar ezattament qabel il-firem finali. Dan pero' ma jispjegax kif l-ahhar tlett elef Lira (Lm 3,000) (mill-prezz totali ta' ghaxart elef Lira) kellhom jithallsu biss wara li l-perit jikkonferma li l-flat kien tlesta.

Ghalkemm id-Dipartiment accetta pagamenti li donnhom jirreferu ghall-istess flat finished, iz-zewg decizjonijiet li minnhom sar l-appell odjern kienu gustifikati u ghalhekk l-appell qed jigi michud u z-zewg decizjonijiet konfermati."

Marcelle Tanti appellat minn din is-sentenza bl-aggravju denunzjanti r-*ratio decidendi* ta' l-Arbitru fuq il-presuppost li l-valutazzjoni tieghu tal-provi dokumentali kienet vizzjata;

Huwa ferm opportun ghall-ahjar stharrig ta' dan l-aggravju illi jigu kalendati kif jixraq l-antecedenti l-aktar saljenti li wasslu ghad-decizjoni mpunjata bl-appell:

(1) Ir-rikorrenti u zewgha sseparaw b' kuntratt tan-Nutar Patricia Hall tas-6 ta' Dicembru 2001;

(2) Fost l-assi komuni kien hemm id-dar matrimonjali li nbieghet lil certu Mario Debono b' kuntratt finali tan-Nutar Pierre Falzon tat-8 ta' April 2004. Sehem ir-rikorrenti tal-provenjent minn dan il-bejgh kien hamsa u tletin elf lira (Lm35,000);

(3) Permezz ta' kuntratt ta' akkwist tat-30 ta' April 2004 l-appellanti xtrat l-arja ta' blokk ta' appartamnti fil-Qawra li, kif jinghad fih, meta tinbena, tkun konvertita fi flat numru ghaxra. Dan kif konfermat ukoll minn Nota ta' Insinwa Nru. 8751/04. Din l-arja nxtrat bil-prezz hemm konvenut ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) li minnha l-appellanti hallset sebat elef lira (Lm7000) fuq il-kuntratt, bil-bilanc jithallas meta jkun certifikat li l-bini jkun lest;

(4) Jirrizulta illi qabel dan l-akkwist kien gie certifikat mill-Perit George Chetcuti illi l-istima komplessiva ghall-akkwist ta' l-arja, l-izvilupp taghha u l-*finishings* kienet ta' tletin elef lira. Ara certifikat tieghu datat 15 ta' Frar 2004;

(5) Minn certifikat iehor rilaxxjat din id-darba mill-Arkitett Jean Pierre Attard fit-2 ta' Mejju 2005 jirrizulta li x-xoghlijiet kollha gew finalizzati ghas-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000);

(6) Tali somma, ghallanqas fuq dak dikjarat fir-ricevuta esebita, jidher li thallset lil certu Martin Farrugia fil-15 ta' Gunju 2004;

(7) B' avviz datat 10 ta' Awissu 2006 id-Direttur appellat baghat javza lill-appellanti li ma kienetx ghadha aktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali (SA) ghax il-valur kapitali tal-proprjeta taghha kien jeccedi s-somma ta' sitt elef lira (Lm6000). Jidher li aktar tard l-istess Direttur avvanza pretensjoni ghar-radd lura tas-somma moghtija f' beneficcji ghall-perijodu bejn l-10 ta' April 2004 u s-6 ta' Mejju 2005;

Fermi dawn il-fatti estratti mid-dokumenti prodotti jkollu jinghad fuq ir-riflessjonijiet maghmula minn din il-Qorti

dwarhom illi ma jidherx li l-Arbitru injora li b' dak il-kuntratt tat-30 ta' April 2004 l-appellanti kienet, bhala fatt, qed tixtri l-arja, u mhux ukoll appartament gja zviluppat. Fis-sintesi qasira tal-valur komplessiv maghmul minnu jidher li hu ma kienx imbaghad konvint illi l-appellanti ddisponiet mill-hlas tas-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) fid-data attestata fir-ricevuta. Dan, l-Arbitru jispjegah, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-kuntratt kien jipprovdi li l-hlas bilancjali ta' tliet elef (Lm3000) ghax-xiri ta' l-arja kellu jsir malli x-xoghlijiet kollha jkunu kompletati. Minn dan huwa difficli anke ghal din il-Qorti li temmen jew almenu taccetta bhala plawsibbli illi, appena xahrejn biss wara, l-appellanti hallset antecipatament is-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) meta, apparentement, jekk wiehed joqghod ghac-certifikat ta' l-Arkitett Jean Pierre Attard, ix-xoghlijiet kollha gew finalizzati fl-2005 u, presumibilment, sad-data tar-rilaxx tac-certifikat tieghu fit-2 ta' Mejju ta' din is-sena;

L-appellanti ma tistax tippretendi li saret valutazzjoni zbaljata tar-rizultanzi istruttorji billi sempliciment tittanta taghti r-rikostruzzjoni personali taghha tal-kuntratt. Kif risaput, il-valutazzjoni ta' dan l-istess rizultanzi hi bazata fuq il-principju tal-libera konvinciment u tat-test tal-verosimiljanza, u jekk dawn, f' dan il-kaz, ma wasslux lill-Arbitru ghall-istess ragonament dedott mill-appellanti m' ghandux ifisser illi dan l-istess ragonament jiddifetta jew li l-motivazzjoni hi illogika u errata. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li ma tikkonfermax u ssostni din l-istess motivazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------